# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju 2020

**Rikors Numru : 53/2019 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**AA**

**Vs**

**CA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AA datat 1 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Novembru 1984 fil-Knisja Parrokjali ta' San Duminku, il-Belt Valletta, liema zwieg gie registrat mar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv X kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.*

*Illi l-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Annalise Micallef tas-16 ta' Jannar 2015 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal oltre 4 snin huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom u dan kif jirrizulta mill-affidavit ta' l-esponenti hawn anness u mmarkat Dok C.*

*Illi skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-konjugi m'ghandhom jircievu l-ebda manteniment reciproku.*

*Illi in oltre minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom hamest it-tfal, li minnhom erbgha, ossija D, E, F u G huma maggiorenni, filwaqt li l-manteniment ta' H A, li illum ghandha 14-il sena huwa kollu imhallas, u ma hemmx pendenzi.*

*Ili dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jogghobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi r-risposta tal-konvenuta CA ġiet sfilzata stante li din ġiet ippreżentata tardivament (fol 16).

Rat ir-rikors tal- konvenuta CA datat 15 ta' April 2019 sabiex tiġġustifika l-kontumaċja (fol 20).

Rat ir-risposta tar-rikorrent AA datata 2 ta' Mejju 2019 (fol 23) għar-rikors tal-intimata CA datat 15 ta' April 2019.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti dwar il-kontumaċja tal-konvenuta CA (fol 28 et seqq tal-proċess) fejn din il-Qorti ċaħdet ir-rikors tal-konvenuta tal-15 ta' April 2019 u iddikjarat illi r-risposta ppreżentata mill-konvenuta ġiet ippreżentata inġustifikabbilment fuori termine.

Rat ix-xhieda mogħtija bl-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AA** xehed bl-affidavit (fol 11, Dok C) illi huwa izzewweġ lill-intimata fl-24 ta' Novembru 1984 fil-Knisja Parrokjali ta' San Duminku, il-Belt Valletta, liema zwieg gie registrat mar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv X kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg Dok B, fol 10).

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Annalise Micallef tas-16 ta' Jannar 2015, (Dok A, fol 4 et seqq), u għalhekk ilhom sseparati ghall-aktar minn 4 snin.

Xehed ukoll illi ma hemm l-ebda prospett li l-partijiet jirrikonciljaw, tant li illum il-gurnata qeghdin jghixu ħajja b'mod separata u f'relazzjoni ma terzi persuni.

Finalment xehed illi huwa ma għandux manteniment x'jirċievi u lanqas għandu manteniment xi jħallas lill-martu. Illi miż-żwieġ kienu twieldu ħames t'itfal, erbgħa maġġorenni, waqt li ma hemmx pendenzi ta' manteniment rigward ż-żgħira li għadha minuri.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta***

***li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-24 ta' Novembru 1984 (DOK B fol 10) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom ħamest itfal, erbgħa ta' eta maġġuri u waħda li għadha minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Annalise Micallef, datat 16 ta' Jannar 2015 (vide Dok. A fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**